MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2009

Numru. 89/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Norbert Ciappara)**

**versus**

**Carlos Briffa**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Carlos Briffa ta’ 18-il sena, imwieled fit-2 ta’ Settembru 1981, bin Alfred u Mary nee Fenech residenti 122 flat 3 Triq l-isla, detentur tal-karta ta’ l-identita 492981(M)

Akkużat talli fid-29 ta’ Jannar 2000 u il-ġranet ta’ qabel din id-data fl-istess żmien u ċirkostanzi kellu fil-pussess tiegħu il-pjanta Cannabis, kollha jew biċċa minnha, bi ksur ta’ l-Artikli 8(d), tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta’ Malta. Liema

droga instabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kienitx għall-użu esklussiv tiegħu.

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż l-ordni tal-Avukat Generali tat-18 ta' Frar 2003, iċ-ċertifikat tat-twelid tal-imputat li jġib in-numru 4929 tas-sena 1981, il-fedina penali tal-imputat (fol 4), il-ħatra tal-ispiżjar Mario Mifsud sabiex janalizza s-sustanza eżebita, id-dokument NC4 (fol 22), id-dokument NG1 (fol 32), id-dokument RM4(fol 37,38,39), ir-relazzjoni tal-ispiżjar Mario Mifsud (fol 61) u d-dikjarazzjoni a fol 132 li f'konnessjoni ma' l-istess kaz il-pulizija kienu hadu passi kontra Aaron Gatt fuq pussess ta' cannabis.

**Ikkunsidrat**

Fid-29 ta' Jannar 2000, twaqqfet f'Bormla vettura tal-marka Isuzu Gemini bin-number JBB 692 li kienet misjuqa minn Aaron Gatt mill-Birgu. Il-passiġġier fetaħ il-bieba u telaq il-borża tal-karti fl-art. Din kien fiha ammont ta' weraq aħdar li kien suspettat li huwa tal-ħaxixa. Aaron Gatt kien ċaħad li kellu x'jaqsam ma' dik id-droga għalkemm sussegwentement huwa kien instab ħati ta' pussess sempliċi. Fir-residenza tal-imputat ma nstab xejn li hu relatat mad-droga. Fil-vettura ukoll ma nstab xejn li kellu x'jaqsam mad-droga. It-tabakk kien elevat minn fuq il-persuna ta' Aaron Gatt. (fol 10).

Fl-istqarrija tiegħu l-imputat innega li hu kien rema l-borża tal-karti. (fol 13)

Xehed il-Logutenent Neville Galea li qal li d-dokument NC4 (a fol 22) kien kitbu hu (ara l-firma). Dan ittieħed f'dak il-jum stess u jiġbru l-informazzjoni li jsir fir-road blocks. Wieħed mis-suldati kien lemaħ lill-front passenger, sussegwentement identifikat bħala Carlos Briffa, jarmi borża minn ġol-bieba wara li kien fetaħ il-bieba (fol 25). Ix-xhud kien f'pożizzjoni jikkonferma li nfetħet il-bieba. Ix-xhud eleva l-pakkett mill-post fejn kien mitfugħ mill-persuna (fol 27). Ix-xhud kien preżenti fuq il-post.

WPS 102 Ruth Magro kkonfermat li l-Logutenent Galea kien ġab l-eżebiti (li kien ħareġ l-istess Logutenent Galea)(ara fol. 26) u għaddieha lilha ssiġillata u għaddietha lill-Ispettur.

Gunner Jason Catania xehed li waqt li kien fir-road block ra karozza Isuzu tiftaħ il-bieba u tarmi borża. Huwa qabad il-borża u għaddieha lill-fizzjal. Din intremiet min-naħa tal-passiġġier. Huwa għaraf lill-imputat li kien bilqegħda fil-karozza, rah jiftaħha u minn taħt il-bieba niżlet il-borża (fol 44). Ix-xhud kien in-naħa tal-passiġġier. Dak il-ħin kien hemm dawl għalkemm kien Jannar.

Xehed ukoll Silvio Grech li qal li ra l-karozza tinfetaħ u tingħalaq. Kif għaddiet il-karozza rema il-pakkett mal-art u sieħbu eleva l-pakkett u għaddieh lill-Ispettur.

Xehed ukoll il- bumbardier Brian Gatt li għamel tfittxija fil-karozza u sab tliet CD’s biss (fol 52).

Dan kien konfermat mix-xhud Noel Camilleri li spjega li meta jgħamlu xi road block meta jidħlu l-bumbardier jagħmel rapport (fol 54). Meta jkunu ser jixhdu jirreferu għal dan id-dokument. (ara Dok GCN a fol 57).

Xehed ukoll l-ispiżjar Mario Mifsud dwar l-esebit 04 ABD 01 elevat minn mal-art fid-29 ta’ Jannar 2000 fis-7:18p.m. fil-preżenza tal-imputat. Fil-ħaxix aħdar ta’ dan id-dokument kien hemm ammont totali ta’ 27.837 grammi li fih instabu t-trichomes li huma fatturi tal-weraq tal-pjanta Cannabis, kif ukoll it-THC.

Meta reġa xehed 86250 Jason Catania huwa kkonferma li kien jaf li

“Meta ghadda minn fuqu l-ewwel darba, hu rema dn il-borża. X’sabu l-oħrajn jien ma kontx naf għax ma kontx miegħu.” (fol 76)

Meta reġa xehed Neville Captain Roberts, huwa kkonferma iż-żewġ items il-cannabis u l-pirated CD’s (fol

78). L-items kollha li kellhom ta' l-individwu kien għaddiehom lill-Pulizija (fol 79).

Xehed Aaron Gatt li qqal li dak in-nhar tar-roadblock il-karozza li kien qed isuq kienet tiegħu. Ix-xhud innega li l-imputat kien rema xi ħaġa mill-karozz. Kieku kien jarah. Suldat kien mar iħabbat mat-tieqa u kellu basket mal-ġenb. Is-suldati kienu waqqfu vetturi oħra. Fil-kontro eżami x-xhud qal li l-basket kien rah x'ħin il-pulizija mar iħabbat mat-tieqa (fol 101). Is-sildati bdew jgħidu li raw lil Carlos Briffa jarmi l-basket.

Il-probation officer Joanne Farrugia xehdet li l-imputat hu raġel tal-familja u qatt ma kellu każi oħra għajr dan. Huwa ilu jaħdem minn meta kellu 19-il sena. Dan kollu kien konfermat minn Fr. Joe Grech.

**Kunsiderazzjonijiet tal-Qorti.**

Fit-trattazzjoni d-difiża ssottomettiet li x-xhieda hija mibnija fuq rapport li kien tħejja fil-barracks fiż-żmien tal-inċident. Hija ssottomettiet ukoll li l-mod kif inzammet il-kontinwita' ta' l-evidenza kienet xi ftit traskurat u li fuq kollox kienu ttieħdu ttieħdu passi kontra Aaron Gatt fuq l-istess każ.

Dwar dan il-Qorti qed tagħmel is-segwenti riflessjonijiet:

(a) Li, kif diġa kellha ċ-ċans tgħid f'każ ieħor li kien jezisti road block, ma hemm xejn ħażin li jsiru dawn ir-rapporti. Bil-maqlub huma tarka effettiva kontra l-bdil tal-verżjonijiet u mezz necessarju biex wieħed jista' jiftakar ċerti dettalji li wieħed jista' jinsa wara ċertu żmien. Dan eżempju, ftit nies għandhom memorja qawwija sabiex jiftakru d-dati jew in-number plates tal-karozzi, l-ismijiet tan-nies u l-ħinijiet. "multo magis" dan jgħodd għall-membri tal-forzi armati li min jaf kemm-il road block jgħamlu. Jekk dawn kollha kapaċi jiftakru x'sar erba' jew ħames snin qabel bla ma jħarsu lejn in-noti, wieħed jistaqsi kif dawn ma fittxewx karriera ahjar. Għalhekk il-Qorti ma qed issib xejn ħazin fl-użu ta' dan ir-rapport li

huwa fil-prattika forma ta' eżattezza dwar id-dettalji u ta' dixxiplina.

(b) Il-Qorti eżaminat ix-xhieda kollha ħa tkun ċerta li hemm il-kontinwita' tal-evidenza. Minn eżami akkurat tax-xhieda ta' kif għaddew l-esebiti m'għandha l-ebda dubju li d-dokument 04 ABD 01 (fol 64) għandu esklussivament x'jaqsam ma' dan il-każ u kien il-borża elevata minn qrib il-karozza fejn l-imputat kien passiġġier.

(c) Il-fatt li tressaq Aaron Gatt b'konnessjoni ma' l-istess każ , ma jfissirx li ma jistax jitressaq l-imputat ukoll. In-nozzjonijiet ta' "sid" u ta' "pussess" fil-Liġijiet tad-droga mhumiex l-istess nozzjon li għandhom l-istess termini fil-Liġi Ċivili. F'dawn il-liġijiet, il-kwistjoni ta' 'ownership' mhix 'in ballo' u l-pussess ifisser li wieħed ikollu xi kontroll zgħir kemm hu zgħir fuq id-droga. Għalhekk jekk l-imputat kellu f'idejh il-borża u remieha, f'dak il-mument kellu l-pussess tad-droga u ma jfisser xejn li ħadd ieħor kien processat fuq l-istess droga. Il-kontroll tad-droga jista' facilment jgħaddi minn għand bniedem għal oħra u ma jirrikjedix l-element tal-animus 'rei sibi habendi'

Fil-fehma tal-Qorti x-xhieda ta' Gunner Jason Catania bl-ebda mod ma ġiet imxejna lanqas b'dak li xehed Aaron Gatt – xhieda li l-Qorti ma ssibha attendibbli xejn.

Kien hemm ta' lanqas żewġ membri tal-forzi armati li raw l-affarijiet sew. Il-borża waqgħet in-naħa tal-passiġġier fejn kien l-imputat. L-imputat ingħaraf minn Gunner Jason Catania (a fol 43), rah jiftah il-bieba tal-karozza u ra l-borża ħierġa minn taħt il-bieba (fol 44). Il-Qorti ssib din ix-xhieda għal kollox attendibbli u m'għandha ebda dubju li din hija l-verżjoni veritjiera.

U lanqas ma huwa aċċettabbli li wieħed jgħid li l-imputat ma kienx jaf x'għandu f'idejh. Żgur li kien f'pożizzjoni jara r-roadblock u li kieku kellu xi borża tal-crisps ma kienx joqgħod iħabbel rasu li jżommha fil-karozza u mhux jeħles minnha meta – skond ix-xhieda ta' Aaron Gatt – huma kienu qegħdin fi kju ta' karozzi mwaqqfa mill-Armed

Forces of Malta. Ma jgħamilx sens li wieħed jeħles minn oġġett propja f'dan il-hin.' Fuq kollox, skond l-artiklu 26(1) tal-Kap. 101

"L-obbligu li jiprova li hemm din il-liċenzja, awtorizzazzjoni jew MATERJA TA' ECCEZZJONI jew DIFIZA jmiss lill-persuna li tkun trid tinqeda biha"

Diġa kien hemm diversi sentenzi fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) iddeċidiet li għalkemm l-oneru tal-prova tal-htija jaqa' fuq il-prosekuzzjoni, dan ma jfissirx li xi sitwazzjonijiet ma jkunux jirrikjedu xi spjega. Għalhekk jekk wieħed ikun fil-pussess ta' droga mhux bizzejed li d-difiza taghmel sottomissjoni dwar ix-xjenza jew in-nuqqas tagħha. Wieħed irid imur oltre dan partikolarment jekk wieħed irid jimxi mal-ispirtu mal-kelma tal-artiklu 26(1) tal-Kap. 101.

Għalhekk il-Qorti qed tiddeċiedi li l-imputat huwa definittivament ħati ta' pussess sempliċi iżda serju.

Il-Qorti qed iżżid l-aġġettiv "serju" għax 24 grammi m'humiex "de minimis" . Fl-istess waqt jibqa' dak il-lurking doubt jekk, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, hemmx il-prova tal-ispaccjar.

Għaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikli 8(d), 22(1)(a), 22(2) (b)(i)(ii) tal-Kap. 101 ma ssibx lill-imputat ħati tal-imputazzjoni kif dedotta iżda minn flok issibu ħati ta' pussess sempliċi, reat kompriz u involut fl-imputazzjoni u qed tikkundannah iħallas multa ta' €468 liema multa tista' titħallas b'rata ta' 50 fix-xahar bl-ewwel pagament isehh fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Jekk ma jitħallasx xi pagament il-bilanċ ikun dovut f'daqqa. Jekk xi parti mil-multa ma titħallasx din għandha tinbidel fi priġunerija skond il-Liġi.

Ai termini tal-artiklu 533 tal-Kap 9, il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat iħallas l-ispejjeż tal-espert maħtur mill-qorti li jammontaw għal LM 32.03 jew €74.95

Il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt is-sorvelljanza tar-Reġistratur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------